# 3

# Kunflitt mas-Soċi Mostin tal-MUSEUM

Fatt li għandu mnejn ftit jafuh jikkonċerna r-relazzjoni bikrija bejn l-Oratorju Qalb ta' Ġesù u l-ewwel soċi tal-MUSEUM fil-Mosta li ħassew il-vokazzjoni li jimxu skont id-dixxiplina ta' San Ġorġ Preca. Din ir-relazzjoni għaddiet minn diversi sfumaturi fis-snin bejn l-1914, is-sena li fiha nfetaħ l-ewwel Oratorju fil-Mosta, u l-1916, is-sena li matulha l-Isqof Mauro Caruana ordna li ssir inkjesta dwar ħidmet is-Soċjetà li kien waqqaf Dun Ġorġ. Kienet relazzjoni li minn waħda ta' kollaborazzjoni nbidlet f'antagoniżmu u anki pika bejn it-tnejn. Meta għaddiet il-burraxka tal-inkjesta kurjali, ir-relazzjoni bejn l-Oratorju u l-MUSEUM innormalizzat ruħha. Fil-Mosta dan il-fatt dejjem inżamm mistur kemm jista' jkun peress li Dun Anġ Camilleri, Direttur tal-Oratorju għal 49 sena, dejjem emmen fil-qawl li, 'Qatt m'għandek tonxor il-ħwejjeġ barra', speċjalment jekk uħud minnhom ikunu xi ftit imtebbgħin. Fl-istorja tal-Oratorju li Anthony Camilleri (1990: 1) kien beda jikteb insibu miktub li meta fl-1914 Dun Karm Gauci kien impenjat bl-inawgurazzjoni tal-Oratorju l-ġdid fi Triq il-Kungress Ewkaristiku tal-Mosta, huwa 'fittex l-għajnuna tal-qaddis fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, is-Serv t'Alla Dun Ġorġ Preca, u dan kien pront tahielu' u jieqaf hemm. L-istorja sħiħa hi ferm aktar ikkumplikata u pikkanti minn daqshekk.

## L-oqsma tal-MUSEUM fil-parroċċi

Irridu ngħidu li fl-ewwel snin tal-formazzjoni tal-MUSEUM, il-kappillani ta' diversi rħula tant apprezzaw il-ħidma tas-soċi mużewmin li saħansitra riduhom isiru ħaġa waħda magħhom fl-istrutturi parrokkjali. Dan wassal biex ħafna oratorji fil-parroċċi tpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom fejn is-soċi setgħu jgħallmu d-duttrina lit-tfal. Hekk ġara fil-parroċċi tal-Portu Salvu tal-Belt Valletta, Ħal Luqa, l-Imsida, il-Furjana u l-Mosta (Bonnici, 1981: 228). Kienet inizjattiva tajba għax f'dik il-ħabta ħafna mill-oqsma mużewmin lanqas kien għad għandhom kwartier minn fejn joperaw. Kienet tassigura wkoll l-aħjar użu tar-riżorsi limitati li kien għad hemm f'dawk iż-żminijiet bikrija. Iżda l-konsegwenza negattiva ta' dan l-iżvilupp sarrfet f'nuqqas ta' awtonomija

**Tabella 3.1: L-ittra ta' Dun Edgar Salomone fuq is-soċi Mostin tal-MUSEUM**

Oratory of Sacred Heart
Musta
April 12th, 1916

Your Grace,

The undersigned, as priest in charge of the local boys' Oratory, humbly submits to the notice of Your Grace the existence of a small Society of so called apostles of Don Giorgio Preca of Hamrun, who are becoming a serious obstacle to unity in our sphere of work.

Untrained and uninstructed, they pose as meeting-holders, and organizers of theological dissertations, they pretend to understand and explain the Scriptures. They are using all they can to take over our best boys and, in the cases they succeeded, we lost all control over them. I know cases when the confessors were even unable to offer better counsel than that of the local superiors. A young, inexperienced and ignorant priest left our oratory to become chairman and 'gospel reader' in their 'House of Prayer'.

Recently, they have been telling many stories about 'the winning of a suit by Don George against the Bishop'. Much talk that has revealed a spirit quite contrary to their motto 'Mansuetudo'.

After having withdrawn from our Oratory (prior to my advent here) after having declined to accept my many invitations to come and teach catechism and cooperate at the Oratory, they have further told our boys 'not to come to the Oratory'.

I beg to add that we, who are in continual touch with them, and who are sacrificing much to keep up an Oratory as far as local circumstances and prejudices permit, we alone know how serious the schism is becoming between these pseudoprophets and our goodwill to raise the edifice they left in ruins in July last.

Humbly imploring your Grace's pastoral blessing
I have the honour to remain
Your most obedient Servant
Sac. Edgar Salomone

għall-membri tal-MUSEUM għax ma setgħux jgħixu liberalment ir-regola mfassla minn Dun Ġorġ Preca f'ċentri amministrati mill-kleru tal-parroċċi. Is-Soċjetà l-ġdida għat-tagħlim tad-Duttrina kellha ħafna għalfejn tibża' għall-identità tagħha.

F'dan il-kuntest, is-soċi tal-MUSEUM Mostin mhux biss ipparteċipaw fiċ-ċerimonja tat-tberik tal-Oratorju l-ġdid fil-Mosta nhar is-7 ta' Ġunju 1914, imma wkoll kienu strumentali biex jibdew imexxu l-laqgħat mat-tfal bħala katekisti lajċi. Imma ma għaddiex żmien wisq biex din l-armonija bejn l-Oratorjani u l-Mużewmin tisfuma fix-xejn u minflokha ddaħħal element ta' pika stunata bejn it-tnejn. Wara li Dun Karm Gauci kien ħalla r-riedni tal-Oratorju f'idejn Dun Edgar Salomone, is-sitwazzjoni tant ħżienet li dan tal-aħħar iddeċieda li jikteb ittra iebsa lill-Isqof biex jixli lil tal-Mużew li qegħdin jiżirgħu l-firda fil-parroċċa tal-Mosta. Dun Edgar u Dun Ġorġ, li f'dik il-ħabta kienu għadhom fl-aħjar ta' żgħożithom, kienu jafu lil xulxin sewwa għax kienu sieħba ta' xulxin matul is-snin li damu s-seminarju. Fl-Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (Atti Ċivili 1918-19), insibu l-ittra bl-Ingliż li Salomone indirizza lill-Isqof fit-12 t'April 1916 u li jien qiegħed nirriproduċi f'Tabella 3.1 skont kif ikkwotata minn Alexander Bonnici (1981: 361).

## Ix-xilja ta' Dun Edgar Salomone

M'hemmx dubju li kif appena taqra l-ittra, tinduna f'malajr kemm hija preġudikata u miktuba f'saħna. B'mod partikolari huwa jilmenta kif tal-Mużew kienu qegħdin jisirqu lill-aħjar fost is-subien u l-ġuvintur mill-Oratorju biex jibdew jattendu l-MUSEUM. B'ton żbukkat, huwa jżid jgħid li wara li ħallew lill-Oratorju (qabel ġie f'idejh), baqgħu jirrifjutaw l-istediniet li għamlilhom biex jirritornaw u, biex jiżdied il-melħ fuq il-ferita, ikompli jallega li tal-Mużew avżaw 'lit-tfal tagħna biex ma jiġux l-Oratorju'. B'mod ċar huwa jikkonferma li s-soċi Mużewmin kienu oriġinaljament jiffunzjonaw mill-Oratorju, iżda mbagħad iddeċidew li jabbandunawh. Is-superjur tagħhom, ħadd ħlief Emanuel B. Vella (1898-1946), l-istess wieħed li kiteb l-ewwel storja tal-Mosta, kien ħareġ mill-Oratorju u, flimkien mal-bqija tas-soċi, kera post ġdid fil-Mosta għall-attivitajiet tagħhom. Skont Salomone din il-firda kienet qiegħda tnissel 'xiżma' fil-parroċċa, filwaqt li jitfa' dubji serji fuq in-nuqqas ta' kompetenza teoloġika u pedagoġika ta' dawk li hu jsejjaħ 'il-profeti foloz' tal-MUSEUM. F'mument minnhom jirreferi għal qassis 'injorant u bla esperjenza' li wkoll ħalla l-Oratorju biex imur jassisti lil tal-Mużew fil-post il-ġdid tagħhom fil-Mosta. Dan il-qassis li Salomone ma jsemmihx b'ismu huwa Dun Ġammarì Azzopardi.

> Dun Ġammarì Azzopardi twieled u għex il-Mosta. Kien joqgħod fi Triq il-Kbira, qrib il-misraħ fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp. Kien predikatur tajjeb u għal xi żmien kien rettur tal-kappella tal-Pwales, limiti ta' San Pawl il-Baħar... Baqa' jwettaq dmiru ta' saċerdot sa mewtu li ġrat wara marda qasira fil-5 t'April 1934. (Cilia Debono, 2008: 117-118)

Billi l-ittra dehret qawwija bil-bosta, l-Isqof iddeċieda li jgħaddiha lill-Kummissjoni tal-Inkjesta li f'dak iż-żmien kienet qiegħda tgħarbel ir-regola, l-operat u l-imġiba

tal-membri tal-MUSEUM. Fil-fatt l-inkjesta (1916-1917) ma kinitx fuq Dun Ġorġ innifsu, imma fuq il-formazzjoni tas-Soċjetà li waqqaf (Bonnici, 1981: 34). Matulha ttellgħu diversi xhieda, fosthom għadd kbir ta' saċerdoti u kappillani, quddiem il-kummissjoni tal-inkjesta biex jagħmlu l-istqarrija tagħhom fuq dak li kienu jafu fuq l-oqsma tal-MUSEUM. Fuq il-bażi tal-ittra li kiteb u fil-fakultà tiegħu bħala Direttur tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, Dun Edgar Salomone ssejjaħ biex jixhed fil-5 ta' Mejju 1916. Kienet is-sessjoni '*deciprima*' tal-inkjesta u t-traskrizzjonijiet huma miktuba bit-Taljan.

## Quddiem il-Kummissjoni tal-Inkjesta

Filwaqt li jerġa' jsostni dak li kiteb fl-ittra, Salomone jżid xi dettalji oħrajn biex jikkonsolida l-argument tiegħu li s-soċi mużewmin kienu l-kawża tal-qasma fil-Mosta. Jirreferi għas-segregazzjoni bla bażi waqt it-tqarbin,

> Lill-ġuvintur tal-Oratorju jien, għal darbtejn, ordnajtilhom biex jiltaqgħu ħalli jagħmlu tqarbina flimkien. L-appostli tal-MUSEUM, mhux biss ma ridux jieħdu sehem flimkien ma' dawk tal-Oratorju, imma, bi skandlu ta' min rahom, huma baqgħu fis-sagristija, u mbagħad telgħu jitqarbnu flimkien għal rashom. (Bonnici, 1981: 197)

Biex il-każ jiftiehem aħjar, infissru li Salomone kien qed jitkellem fuq dawk il-ġuvintur li fl-ewwel snin kienu membri kemm fil-MUSEUM u kemm fl-Oratorju fl-istess waqt. Dan in-nuqqas ta' kordinazzjoni juri kemm kienet f'postha d-dispożizzjoni ta' Dun Ġorġ li l-membri mużewmin ma jistgħux ikunu membri ta' għaqdiet oħrajn. Salomone ikompli jgħid li bl-eżodu tas-subien mill-Oratorju għall-MUSEUM, tal-ewwel 'kellu jagħlaq u jerġa jiftaħ mill-ġdid f'Ottubru li għadda' [1916] (Bonnici, 1981: 362). Daqshekk kien serju l-konfront bejn l-Oratorju u l-MUSEUM fil-Mosta, tant li l-istess eżistenza tagħhom it-tnejn kienet imminata. Finalment, Salomone jtemm l-istqarrija verbali tiegħu billi jiskolpa lil Dun Ġorġ Preca minn dan id-diżgwid serju ma' tal-Mużew,

> Dawn l-inkovenjenzi mhumiex ġejjin mill-ordnijiet ta' Dun Ġorġ għaliex hu ddikjara li l-membri tal-MUSEUM ordnalhom espressament biex f'kull ħaġa jadattaw rwieħhom għall-programm tal-Oratorju, meta l-funzjonijiet tagħhom ikunu kompatibbli ma' dawk tal-Oratorju (Bonnici, 1981: 231).

Alexander Bonnici jsostni li din l-istqarrija toffri prova li Salomone aktarx li lil Dun Ġorġ fehmu ħażin. Dun Ġorġ żgur li ma riedx ifisser li l-membri tal-MUSEUM kellhom jaċċettaw kull stedina li ssirilhom mill-membri tal-Oratorju tal-Mosta, kif fehemha d-Direttur tal-istess Oratorju. Jista' jkun li Salomone kien sema' b'widnejh stess dawn il-kelmiet minn fomm Dun Ġorġ, imma kien nesa li l-fundatur tas-Soċjetà l-ġdida minn dejjem enfasizza s-sens ta' indipendenza tas-soċi mill-istrutturi parrokkjali.

F'konfront ta' din ix-xorta, Salomone kien minn fuq peress li kellu kemm setgħa leġittima bħala Direttur tal-Oratarju ddelegata mill-arċipriet Dun Pawl Mallia, u kemm xibka ta' kuntatti mal-kbarat ekkleżjastiċi u ċivili ta' dak iż-żmien (Cilia Debono, 2008: 113). Mill-banda l-oħra, Dun Ġorġ kien qassis umli u b'dell ta' suspetti u kalunji kontinwi fuqu. Fuq kollox ħidmietu kienet taħt il-lenti tal-inkjesta. Il-Knisja kienet għadha tistħarreġ l-operat tas-soċjetà mużewmina qabel tieħu deċiżjoni finali. Madankollu, ix-xilja tax-xiżma implikata minn Salomone ftit li xejn ħalliet timbru fuq id-deċiżjoni finali li wasslet għaliha l-Kummissjoni tal-Inkjesta, datata 6 ta' Marzu 1917, tant li finalment il-Knisja kienet sodisfatta bl-istħarriġ u, wara li ordnat xi tibdiliet żgħar fir-regolamenti tas-Soċjetà tal-MUSEUM, ħalliet lis-soċi jissoktaw b'xogħolhom. Għalkemm il-konklużjoni tal-Inkjesta ma kinitx tfisser approvazzjoni kompleta tas-Soċjetà, imma bis-saħħa ta' dan kollu, issa setgħet taħdem b'iżjed libertà waqt li ġiet imħarsa l-identità u l-awtonomija tagħha.

## Konklużjoni

L-ilmenti serji li qajjem Salomone fuq il-każ tal-Oratorju tal-Mosta ftit li xejn ingħataw importanza mill-Kummissjoni tal-Inkjesta, hekk li wara li semgħet ix-xhieda kollha, ma komplietx tistħarreġ dan il-każ. U l-istorja tieqaf hawn. Maż-żmien ir-relazzjoni bejn l-Oratorju Qalb ta' Ġesù u l-qasam tal-MUSEUM fil-Mosta, wara ħafna snin, tjiebet u ġiet lura għan-normal. Għal dawn l-aħħar mitt sena dawn iż-żewġ entitajiet reliġjużi, bl-identità u l-metodi distinti tagħhom, ħadmu – kif għadhom sal-lum jaħdmu – b'risq l-istess għalqa tal-Mulej fejn il-bżonnijiet huma ħafna, imma l-ħaddiema huma ftit. Quddiem għajnejn il-bnedmin, l-aġir ta' Dun Edgar Salomone fil-bidu tas-seklu 20 jidher biss bħala bsaten fir-roti biex ifixkel opra qaddisa, imma quddiem Alla xejn ma jsir għalxejn. Dan il-każ, jekk xejn, serva biex tkompli tkun magħrufa l-qdusija ta' Dun Ġorġ Preca, tant li kien eventwalment mistħarreġ fi proċess twil li wassal għall-kanonizzazzjoni tiegħu fl-2007.

L-istorja tal-Oratorju tissokta f'kapitlu 4 fejn, b'mod partikulari, nitkellmu dwar it-tmexxija tal-Oratorju wara li Dun Edgar Salomone ħalla l-post ta' Direttur u ċ-ċaqliqa ta' dan iċ-ċentru għal banda oħra fil-Mosta.